**326. L-Onor. Marlene Farrugia tipproponi:-**

Illi l-Ministru Konrad Mizzi, b'ammissjoni tiegħu stess, instab li għandu kumpanija fil-Panama;

Illi din il-kumpanija jidher illi nfetħet waqt li dan il-Ministru kien fil-poter;

Illi l-aġir tal-Ministru Konrad Mizzi huwa skorrett u jqajjem dubji serji ta' korruzzjoni;

Illi bl-aġir tiegħu, il-Ministru Konrad Mizzi żeblaħ isem il-pajjiż, saħansitra bħala ġurisdizzjoni rrispettata li tipprovdi servizzi finanzjarja ta' livell għoli;

Illi huwa fl-interess nazzjonali li kull Ministru jkun ta' eżempju għall-poplu li jservi u jerfa' responsabbiltà ta' għemilu;

Għaldaqstant din il-Kamra tirriżolvi li m'għandhiex fiduċja fil-Ministru Konrad Mizzi;

Tirriżolvi li din id-deċiżjoni tkun komunikata lill-President ta' Malta.

18.04.2016

**Il-mozzjoni m'għaddietx fis-Seduta 385 tal-Erbgħa, 4 ta' Mejju 2016.**